**FIL-QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**L-ONOR. IMHALLEF ANTHONY VELLA**

**Seduta ta' nhar il-Hamis 28 ta' Jannar 2021**

**Rikors nru: 266/2020 AGV;**

**A sive BC**

**Vs**

**DC**

**Il-Qorti,**

**Rat ir-rikors guramentat ta' A sive BC datat 17 ta' Awwissu 2020, fejn espona bir-rispett u ikkonferma;**

1.Illi r-rikorrenti zzewweg lill-intimata fis- 7 ta' Settembru 2013 liema zwieg huwa registrata fir-registru Pubbliku bin-numru 2346/2013- certifkat taz-zwieg hawn anness u mmarkat Dok A;

2. Illi minn daz-zwieg fit- 12 ta’ Lulju 2011 twieldet il-minuri EC, li llum ghandu disa’ snin u b’ hekk minorenni;

3.Illi l-partijiet isseperaw permezz ta’ kuntratt pubbliku fl-atti tan-Nutar Dr. Dorianne Arapa tat- 28 ta’ Lulju 2015, kopja awtentika tal-istess qieghda tigi hawn annessa u mmarkata Dok B;

4. Illi ghaddew aktar minn erba’ snin mid-data li fiha l- partijiet ilhom jghixu hajja totalment separata minn xulxin, u m’ hemm ebda prospett regenvoli ghal rikonciljazzjoni bejniethom.

5. Illi l-esponenti jiddikjara ukoll il-manteniment dovut ghall-bint minuri kif mifthiem fil-kuntratt ta’ separazzjoni huwa mhallas.

Illi ghaldaqstant l-esponent jissodisfa ir-rekwiziti kollha stabbiliti mil-Ligi biex jinghata d-divorzju.
Illi huwa jixtieq jiddivorzja liz-zwieg tieghu jigi mahlul.

Ghaldaqstant, ir-rikorrent jitlob umilment lil din Onorabbli Qorti joghgobha tawtorizza tippronunzja id-divorzju ta’ bejn ir-rikorrenti Asive BC U DC u tiddikjara z-zwieg taghhom mahlul ai termini tal-artikolu 66 A et seq tal-Kodici Civili, kif ukoll tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fi zmien imholli ghal daqshekk minn din l-Onorabbli Qorti, javza lid-direttur tar-Registru pubbliku bid-divorzju tal-partijiet, biex dan jigi debitament regsitrat fir-registru Pubbliku, u dan taht kull provvediment iehor, li jidhrilha xierqa u opportun.

**Il-Qorti rat ir-risposta ta' DC** fejn esponiet bir-rispett u ddikjarat li fl-ewwel lok ma hemm l-ebda tort imputabbli lil-esponenti;

Illi madankollu l-esponenti ma ghandha ebda oggezzjoni ghat-talbiet rikorrenti purche' l-kuntratt ta' spereazzjoni datat 28 ta' Lulju 2015, fl-atti tan-Nutar Dr. Dorianne Arapa jibqa' jirregola l-posizzjoni tal-kontendenti u ma jigix varjat jew b' xi mod mibdul u cjoe' l-imsemmi kuntratt jibqa' intatt, inkluz izda mhux eskluz li l-klawsola tal-mantenimetn tigi osservata fl-intier taghha u cjoe' li l-manteniment dovut prezentament tal-minuri huwa dak ta' mitejn Ewro mhux l-ammont li qed jivversa ir-rikorrenti ta' Ewro 150.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Il-Qorti rat li fis-seduta tal-Hamis 28 ta' Jannar 2021, il-partijiet infurmaw lil-Qorti, illi r-rikorrenti hallas ghas-saldu l-arretrati tal-manteniment sal-lum, ghalhekk iddikjaraw li m' ghndhomx aktar provi u talbu lill-Qorti tghaddi ghas-sentenza.

**DECIDE;**

Il-Qorti, tilqa' t-talbiet u tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet.

Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fi zmien ghaxart ijiem javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet, biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.

Spejjez jibqghu bla taxxa.

Terminu tal-appell abbrevjat ghal gurnata.

**Onor. Anthony G. Vella**
**Imhallef**

**Cettina Gauci**
**Dep Reg**